VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,943, 17 ta' Lulju, 2012
Taqsima B

A.L. 231 tal-2012

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI (KAP. 234)

Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijabl-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-artikolu 43(3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u bl-artikolu 374(1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u l-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.29

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE, u li tittrasponi d-Direttiva 2011/63/UE li temenda d-Direttiva 98/70/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/796/UE tat-13 ta' Diċembru, 2010 dwar l-iffissar ta' kriterji għall-użu ta' metodi teknoloġiċi minn trasportaturi tal-gass naturali likwifikat bħala alternattiva għall-użu ta' karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit baxx li jilħaq il-ħtiġiet tal-Artikolu 4b tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi kif emendata bid-Direttiva 2005/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontenut ta' kubrit f'karburanti għal użu marittimu".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tiġi

sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;"; Kap. 423.

(b) it-tifsira "Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi" għandha tiġi mħassra;

(ċ) minnufih wara t-tifsira "bastiment tal-gwerra" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*boil-off gas*" tfisser fwar tal-LNG li jiġi prodott matul stadji differenti ta' produzzjoni u trasport ta' LNG bħala riżultat ta' kontribut ta' sħana u varjazzjonijiet ta' pressjoni, u li jkun jew likwefatt mill-ġdid u meħud lura għal ħażna, biex imbagħad jigi devjat lejn *boilers* permezz ta' ppumpjar mill-ħażna fit-tankijiet tal-bastiment biex jintuża bħala karburant għall-bastimenti marittimi, jew jiġi kkompressat u esportat bħala gass naturali, li jiġi mkessaħ skont il-pressjoni tal-atmosfera, sal-punt fejn il-gass jiġi kkondensat għal likwidu, biex jiffaċilita t-trasport;";

(d) minnufih wara t-tifsira "il-Kummissjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "LNG" tfisser gass naturali likwefatt li jiġi mibdul fil-forma ta' likwidu għal faċilità ta' ħżin u trasport, u li għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, jiġi prodott u jkun jintuża bħala karburant marittimu għal bastimenti tal-merkanzija;";

(e) it-tifsira "Stat Membru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea;"; u

(f) minnufih wara t-tifsira "tqegħid fis-suq" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "trasportatur tal-Gass Naturali Likwefatt (LNG)" tfisser bastiment tal-merkanzija li jkun ġie mibni jew adattat biex jintuża għall-ġarr ta' volum kbir ta' gass jew gass naturali likwefatt kif imfisser skont il-Kodiċi Internazzjonali għall-Bini u t-Tagħmir tal-Bastimenti li

jġorru Gass Likwefatt f'Volumi Kbar (Kodiċi IGC).".

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ta' l-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "tat-Tieni Skeda". Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej: Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

"Trasportaturi tal-LNG.

12A. (1) It-trasportaturi tal-LNG għandhom jużaw u jirrispettaw il-kriterji ta' kalkoli stabbiliti fit-Tielet Skeda biex jintlaħaq l-għan ta' tnaqqis ta' emissjonijiet minn bastimenti permezz ta' metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet permezz ta' karburant għal użu marittimu u *boil-off gas*.

(2) It-trasportaturi tal-LNG jistgħu jużaw il-metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet waqt li jkunu fl-irmiġġ f'portijiet Komunitarji, fejn jagħtu żmien biżżejjed biex l-ekwipaġġ iwettaq il-miżuri meħtieġa biex ikun jista' juża taħlita ta' karburant għal użu marittimu u *boil-off gas* kemm jista' jkun minnufih wara li l-bastiment jasal fil-post tal-irmiġġ u kemm jista' jkun tard qabel ma jitlaq.

(3) It-tnaqqis ta' kontenut ta' kubrit fl-emissjonijiet li jkun inkiseb permezz tal-applikazzjoni tal-metodu msemmi fis-subregolament (2), għandu minn tal-inqas ikun ekwivalenti għat-tnaqqis li jista' jinkiseb bl-applikazzjoni tal-limiti fuq il-kubrit fil-karburant imsemmija f'dawn ir-regolamenti.

(4) It-trasportaturi tal-LNG li jużaw il-metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet u li jidħlu f'portijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom jipprovdu dettalji fil-ġurnal ta' abbord il-bastiment, li jkunu jinkludu t-tip u l-kwantità tal-karburanti li jintużaw abbord il-bastiment. Għal dan il-għan, dawn il-bastimenti għandhom ikunu mgħammra għall-monitoraġġ u l-kejl tal-konsum ta' *boil-off gas* u karburant għal użu marittimu.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri xierqa biex jiġi mmonitorjat u verifikat l-użu tal-metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ abbażi tat-tagħrif ipprovdut mit-trasportaturi tal-LNG dwar it-tnaqqis li jkun inkiseb fir-rigward tal-emissjonijiet.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) in-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata 1 għandha tiġi sostitwita bin-nota li ġejja:

"1. Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk imsemmija f'EN 228:2008. L-awtorità kompetenti tista' tadotta il-metodu analitiku imsemmi minflok l-i*standard* EN 228:2008 jekk ikun jista' jintwera li dan ikun jistabbilixxi minn tal-inqas l-istess eżattezza u l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qiegħed jissostitwixxi."; u

(b) in-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata 5 għandha tiġi sostitwita bin-nota li ġejja:

"5. Mono-alkoħoliċi u eteri oħra b'limitu massimu ta' togħlija li ma jkunx ogħla minn dak li jkun qiegħed jiġi ddikjarat fl-EN 228:2008.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. In-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata 6 tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bin-nota li ġejja:

"6. Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk msemmija f'EN 590:2009. L-awtorità kompetenti tista' tadotta l-metodu analitiku msemmi minflok l-i*standard* EN 590:2009 jekk ikun jista' jintwera li dan ikun jistabbilixxi minn tal-inqas l-istess eżattezza u l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qiegħed jissostitwixxi.".

Iżid skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied l-iSkeda ġdida li ġejja:

B 1801

"IT-TIELET SKEDA

Regolament 12A

1. Il-formula

Sabiex tiġi stabbilita l-ekwivalenza skond kif imfisser fir-regolament 12A, għandha tintuża din il-formula li ġejja:

$$S_F\,(\%) \cdot M_F \leq 0{,}1\ \% \cdot M_{F0{,}1\ \%}$$

Fejn:

- $S_F\,(\%)$: il-perċentwali ta' kontenut ta' kubrit għal kull unità ta' massa ta' karburant għal użu marittimu li tintuża

- M_F: il-massa tal-karburant għal użu marittimu, f'Kg, ikkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ

- $M_{F0{,}1\ \%}$: il-massa ekwivalenti, f'Kg, ta' karburant b'kontenut ta' kubrit ≤ 0,1 %. Dan il-fattur għandu jinħadem skont din il-formula:

$$M_{F0{,}1\ \%} = (M_{BOG} \cdot E_{BOG} + M_F \cdot E_F)/E_{F0{,}1\ \%}$$

Fejn:

- M_{BOG}: il-massa ta' "*boil-off gas*", f'Kg, ikkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ

- E_{BOG}: il-valur ta' enerġija, f'MJ/Kg, tal-"*boil-off gas*" użat

- M_F: il-massa tal-karburant għal użu marittimu, f'Kg, ikkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ

- E_F: il-valur ta' enerġija, f'MJ/Kg, tal-karburant għal użu marittimu marittimu li jintuża

- $E_{F0{,}1\ \%}$: il-valur ta' enerġija, f'MJ/Kg, ta' karburant għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit ≤ 0,1 %

Verżjoni 1 tal-formula

Iż-żewġ formuli msemmija hawn fuq jistgħu jiġu kkumbinati f'waħda, hekk:

$$S_F\,(\%) \cdot M_F/(M_{BOG} \cdot E_{BOG} + M_F \cdot E_F) \leq 0{,}1\ \%/E_{F0{,}1\ \%}$$

B 1802

Verżjoni 2 tal-formula

Din il-formula tista' tiġi żviluppata aktar, kif ġej:

$$S_F\,(\%)/(R_{G/F} \cdot E_{BOG} + E_F) \leq 0{,}1\ \%/E_{F0{,}1\ \%}$$

Fejn:

- $R_{G/F}$: il-proporzjon tal-massa tal-"*boil-off gas*" ma' dik tal-karburant għal użu marittimu kkonsmati waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ (M_{BOG}/M_F)

Din it-tieni verżjoni tal-formula tista' tiġi indikata bil-mod li ġej:

$$R_{G/F} \geq (S_F\,(\%) \cdot E_{F0{,}1\ \%} - 0{,}1\ \% \cdot E_F)/0{,}1\ \% \cdot E_{BOG}$$

2. Applikazzjoni tal-formula

Peress li l-valuri ta' enerġija tad-diversi karburanti għal użu marittimu involuti fil-formula huma kważi l-istess, għall- valuri ta' $E_{F0{,}1\ \%}$, E_F u E_{BOG} jistgħu jintużaw il-valuri standard, biex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni prattika tal-formula. B'mod partikulari, jistgħu jiġu applikati dawn il-valuri *standard* ta' enerġija:

$E_{F0{,}1\ \%}$ = 43,0 MJ/Kg (sors: DNV Petroleum Services)

E_F = 40,8 MJ/Kg (source: DNV Petroleum Services)

E_{BOG} = 50,0 MJ/Kg (il-valur ta' enerġija tal-metanu skont l-ISO)

Konsegwentement, il-formula tiġi ssimplifikata kif ġej:

$$R_{G/F} \geq 8{,}6 \cdot S_F\,(\%) - 0{,}816$$

Abbażi ta' dan, l-uniku valur li jkun irid jiddaħħal fil-formula biex jinkiseb il-proporzjon tal-massa tal-"*boil-off gas*" ma' dik tal-karburant għal użu marittimu kkonsmati ($R_{G/F}$ jew M_{BOG}/M_F) huwa l-kontenut ta' kubrit tal-karburant għal użu marittimu kkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ. It-tabella ta' hawn taħt, permezz ta' eżempji, tindika l- proporzjon minimu meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-kriterji għall-karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit differenti.

Kontenut tal-kubrit (%)	1,0 %	1,5 %	2,0 %	2,5 %	3,0 %	3,5 %
M_{BOG}/M_F	7,8	12,1	16,4	20,7	25,0	29,3

".